**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020, fis-2:30 p.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

L-**Ex Kummissarju Raymond Zammit** bin il-mejjet Carmelo, imwieled u residenti l-Mosta, bil-Malti u bil-gurament jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Sur Zammit, tista' tghidilna l-perjodu li ghamilt Kummissarju jew Agent Kummissarju meta kien?

***Xhud :***
Kien fil-bidu ta' Lulju 2014 u spiccajt fil-bidu ta' Dicembru ta' l-istess sena.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
December 2014; sewwa. Nimmagina li taf fuq xiex ser jistaqsuk. Issa fi zmienek x' kienet is-sitwazzjoni tas-sigurta` ghal dak li jirrigwarda s-sinjura Caruana Galizia? X' tista' tghidilna fuq dak li sibt, jekk ghamiltx xi haga differenti, u kif hallejtha?

***Xhud :***
Fil-perjodu li kont hemmhekk jiena naf li kien hemm frequent patrol, kemm fil-vicinanza tar-residenza tas-sinjura Daphne u kemm anke fl-entratura biex nghid hekk li taghti ghar-residenza. Pero` bhala fixed point ma jidhirlix li kien hemm; bhala fixed point mar-residenza ezatti ma kienx hemm.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U din is-sitwazzjoni damet tul dawn ix-xhur li inti ghamilt bhala agent…; inti Agent jew ..?

***Xhud :***
Agent Kummissarju.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Agent hux kont? ehe. U din is-sitwazzjoni damet tul dawn ix-xhur li kont Agent Kummissarju?

***Xhud :***
Iva, jiena ovvjament kienet hekk u hija responsabbilta` ta' l-ufficjali tad-Distrett illi dawk il-key points ikunu monitored. Pero` ma kien hemm l-ebda talba min-naha tad-Distrett lejja biex ovvjament ikun hemm xi fixed point mar-residenza tas-sinjura Daphne. U lanqas kien hemm biex nghid hekk evaluation tas-sitwazzjoni. Jien ma kelli l-ebda ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kont ser nistaqsik fuqha dik. Jekk qattx kien hemm evaluation xi ..

***Xhud :***
Kemm domt hemm hekk jien ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
.. xi konferenza waqt xi assessment..

***Xhud :***
No qatt, qatt.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
..dwar it-treat ta' sigurta` fuq is-sinjura.

***Xhud :***
Qatt. Li nista' nikkonfermalkom huwa li jiena qatt ma rcivejt xi talba la minn ghand xi hadd, la minn ghand il-familjari tas-sinjura, la bil-kitba, la bil-fomm, qatt ma kelli dik it-tip ta' talba. Kieku kien hemm dik it-tip ta' talba ma kelli ebda oggezzjoni li wiehed jaghmilha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U min-naha tieghek, xi inizjattiva biex taghmel xi evaluation differenti hadt jew..?

***Xhud :***
Fil-perjodu qasir li ghamilt nista' nghidlek ….

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ma kienx hemm.

***Xhud :***
… dak iz-zmien ukoll, anzi minn qabel li dhalt bhala agent Kummissarju, jien kont ukoll qed responsabbli mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Ovvjament kont inlahhaq ix-xoghol kif nista'; Pero` qatt ma kien hemm evaluation ghax

ma kienx hemm l-ebda talba after all, ha nghid hekk, lanaqs; ma kienx hemm talba biex..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U lanqas ma mmaginajt….you perceive a treat dak iz-zmien..?

***Xhud :***
Le le, ma kienx hemm. Ma hassejtx li kien hemm; kienet sitwazzjoni ghalija normali ha nghid hekk hu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghandek xi domanda?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri inti kemm domt int qatt ma kellek indikazzjoni li s-sinjura Caruana Galizia kellha bzonn jew kien hemm xi incident li pprovokak biex ..

***Xhud :***
Qatt. Qatt ma xi hadd ressaqli, la minn l-ufficjali tad-Distrett, ghax kieku ovvjament kienu jressquha ghal diskussjoni, u lanqas b' xi mod b' xi kitba jew gara xi haga li jien stajt nifhem – li isma' l' hawn, ejja ha naraw x' ser naghmlu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` kienet persuna li ..

***Xhud :***
Naturalment..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…. ghandha bzonn il-protezzjoni

***Xhud :***
Naturalment

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux fuq l-istess livell, xi protezzjoni, tant hu hekk li kontu taghmlu r-rondi intom.

***Xhud :***
Ezatti. Kienet parti mir-ronda.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U s-sitwazzjoni baqghet kif kienet. Baqghet hekk.

***Xhud :***
Baqghet kif kienet. Baqghet kif kienet.

***Imhallef A Lofaro :***
Dan il-fatt tar-rondi illi kontu taghmlu kien jirrizulta minn xi ktieb – minn xi dokument?

***Xhud :***
Li jkun hemm Sinjura Mhallef zgur ovvjament tohrog mid-detail tad-Distretti, l-ufficjal tad-Distretti d-detail officer. Barra minn hekk, meta kien ikun hemm fixed point, jien hekk nafha almenu, anke fi zmien li dhalt Agent Kummissarju jiena, illi jkun hemm letter minute – police letter minute fejn jghidlek wiehed fejn ghandu dawk il-key points. Imma l-bija.., f' dak il-perjodu qed nghidlek.

***Imhallef A Lofaro :***
Tal-fixed point biss mela kienet imnizzla bil-miktub.

***Xhud :***
Jista' ikun ukoll illi tohrog anke biex wiehed isir frequent patrol. Pero` bhal ma qed nghid, biex niccara ezatti; l-ufficjal ta' kull Distrett fil-Pulizija huwa li jaghraf dawk il-key points; u mbaghad ikollok - per ezempju jekk ghandek il-banek trid tiehu hsiebhom ir-ronda. Jekk ghandek kazini trid tiehu hsiebhom. Dik hija parti mir-ronda. Pero` mbaghad meta jkollok dawn il-key points ovvjament ser tiehu iktar interess fihom skont ic-cirkostanzi li jkunu.

***Imhallef A Lofaro :***
U fil-kaz tas-sinjura qatt ma nhass fi zmien li kont inti bhala Agent Kummissarju ..

***Xhud :***
Jiena li niftakar biss tas-sinjura Daphne li niftakar biss huwa li mmur lura nahseb jiena 'l fuq minn ghaxar snin nahseb, ma kontx f' dik il-pozizzjoni zgur, illi dak iz-zmien naf li kellha point, naf li kellha fixed point maghha. U proprju darba minnhom qed nghidlek, dak iz-zminijiet ma niftakarx, imma li naf zgur..

***Imhallef A Lofaro :***
Meta nharqitilha … kien tentattiv li jaharqulha d-dar?

***Xhud :***
Iva kellha kellha ..

***Imhallef A Lofaro :***
Fuq dik qed tghid hux?

***Xhud :***
No kellha point maghha illi mbaghad jiena kont ircivejt telefonata minn ghand dak iz-zmien il-Kummissarju Rizzo biex ovvjament imur ninformaha illi l-fixed point ser tispicca ghax is-sitwazzjoni kienet biex nghid hekk stabbli. Jiena mort inkellimha, cert li kien il-Hadd il-gurnata wara nofsinhar. Pero` li naf ukoll huwa li pprovajt inkellem lilha. Kif wasalt fejn id-dar hareg is-sinjur taghha Dr Peter, gharraftu li xtaqt inkellem lis-sinjura. Qalli ma kienx hemm ghalfejn. Ghedtlu jekk nista' l-messagg huwa ghas-sinjura, jekk tista' nghid lilha. Qalli ma jimpurtax, ghid lili. Ovvjament jiena hassejt li baqa' jinsisti li nkellem lilu. Informajtu. Pero` l-instructions tal-Kummissarju Rizzo kienet illi ovvjament li jibqa' ikun hemm patrol ovvjament mar-residenza taghha kif ghandu jkun.

***Imhallef A Lofaro :***
U l-instructions kienu wkoll allura li tieqaf il-fixed point.

***Xhud :***
Li jieqaf il-fixed point

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri jekk……iktar informazzjoni fuq ir-rondi minn l-Ghassa tal-Mosta iggibuhom dawn hux hekk?

***Xhud :***
Sorry ma fhimtekx.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jekk hemm xi record ta' dawn ir-rondi minn l-Ghassa tal-Mosta rridu ingibuhom.

***Imhallef A Lofaro :***
Il-patrols.

***Xhud :***
Id-detail sheets minn hemm johorgu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-details minn hemm ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Xtaqt mil-permess tas-Sinjuriji Taghkom insaqsi lis-Sur Zammit; meta huwa gie appuntat Acting Commissioner kien Lulju 2014.

***Xhud :***
Naqblu.

***Dr Jason Azzopardi :***
Min kien hatru u ghaliex kien inghata l-hatra ta' Acting Commissioner?

***Xhud :***
Jiena dak iz-zmien kont kelli kariga ta' Deptuat Kummissarju, u ovvjament kont qrib nahdem hafna mal-Kummissarju ta' qabli, dejjem tajtu il-lealta` tieghu kull wiehed, kien is-sema' Kummissarju tieghi, sa l-ahhar sekonda; u f' dik il-gurnata jiena wara nofsinhar kont mghajjat minn l-OPM biex immur l-OPM. Ovvjament jiena mort navza lill-Kummissarju, ghedtlu baghtuni minn l-OPM. Ghedtlu ovvjament nemmen li xi haga konness kemm mal-Facilta` Korrettiva ta' Kordin jew xi haga mal-Pulizija. Qalli le, qalli jekk tmur, qalli mur ghax dik hija l-ordni; qalli pero` jiena ha nirrezenja mill-Korp, qalli jekk lilek joffrulek li inti tkun Kummissarju qalli qis li tehodha. Jiena informajtu u ghedtlu ma nahsibx li hija the right time li inti titlaq. Kienet waslet il-Police Day biex nghid hekk, kien hemm hafna daqsxejn ta' affarijiet, ghedtlu ma nahsibx. Qalli le, qalli mur. Qalli d-decizjoni tieghi hija dik, qalli u inti trid tmur biex tara jaraw xi jridu l-OPM.

Jiena mort l-OPM. Ovvjament kellimni anke dak iz-zmien l-ex Prim Ministru Joseph Muscat, fejn qalli – isma' l' hawn, qalli nixtieq li inti tiehu over tal-Korp. Ghedtlu on what grant? Qalli ovvjament qalli jiena nixtieqek li dan, qalli rridu naghmlu hafna affarijiet. Ghedtlu all right. Ghedtlu jiena leali lejn il-gurament u jekk inti qed tghidli hekk jiena nobdi dak il-gurament.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ghaliex acting u mhux commissioner mall-ewwel?

***Xhud :***
Ma nafx hu

***Imhallef A Lofaro :***
Staqsejt?

***Xhud :***
Ghadni sal-lum ma nafx. Pero` ovvjament jiena li nista' nghidlek huwa illi jiena ma tlabtx ghal kariga, ha nkun onest, pero` ghadni sal-lum ma nafx ghalfejn kont Agent Kummissarju. Fl-istorja tal-Korp f' mitejn u hames (205) snin tal-Korp nahseb kien hemm hames agenti ohra Kummissarji, u jien nahseb kont is-sitt wiehed.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti gejt ezatt wara s-Sur Cassar, hux hekk?

***Xhud :***
Wara Peter Paul.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Wara Peter Paul? Mela xejn.

***Xhud :***
Wara Peter Paul, ezatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…ghax Cassar l-ewwel ..

***Xhud :***
Imbaghad Cassar kien gie.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imbaghad Cassar gie warajk.

***Xhud :***
Yes.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ma nahsibx illi qallek, pero` ser nistaqsik just in case. Is-Sur Zammit Peter Paul kien informak ghalfejn kien ser jirrizenja? Ma tantx kien ilu Kummissarju.

***Xhud :***
Lanqas qatt, lanqas qatt ma qalli. Jiena nerga' nirrepeti kont leali lejh sa l-ahhar, staqsejtu u daqshekk biss. Qalli inti mur u obdi l-ordni.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa meta inti ma' tul it-tinier tieghek July 2014 sa Dicembru 2014, il-Ministru ta' l-Intern dak iz-zmien kien..?

***Xhud :***
L-ex Ministru Manuel Mallia.

***Dr Jason Azzopardi :***
Dr Mallia. Li ghandi nifhem hemm parantela bejnietkom.

***Xhud :***
Min-naha ta’ missieri Alla jahfilru. Sekondi kugini jew xi haga hekk.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa nigu ghall-incident bil-permess tas-Sinjurji Taghkom, illi wassal imbaghad ghal nista’ nghid ir-rezenja tieghek f’ Dicembru 2014 the shooting incident ta’ PC Sheehan..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma Dr…x’ inhi r-relevanza ghal din l-inkjesta?

***Dr Jason Azzopardi :***
Ghaliex Sur President, ir-relevanza hija illi dak l-incident partikolari fejn kien hemm dak ix-shooting incident ta’ driver ta’ Ministru kien hemm allegazzjoni illi l-Ministru koncernat ta’ l-Intern kien prezenti fejn is-Sur Zammit – fejn il-Kummissarju. Ta certu struzzjonijiet, harget stqarrija tal-gvern li ma qalitx il-verita` kollha, u jidher illi l-gvern, u patri mir-remit ta’ terms of refernce ta’ l-inkjesta huwa li naslu ghal verita`, ma huwiex konducenti biex ikun hemm saltna ta’ dritt meta jkun hemm entita` governattiva li tigdeb jew li ma tghidx il-verita` kollha u tkun onoesta man-nies mill-ewwel.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Qed iggebbida hawnhekk eh!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kollox fil-kontest; ghax kollox fil-kontest ta’ l-assassinju. Jigifieri ahna ghalkemm ghandna veru remit wiesa’, pero` li kollox irid jikkonduci ghall-assassinju. Jigifieri ma nistghux naghmlu inkjesta fuq ….

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jekk ma jimpurtax ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ok. Mela t-tieni domanda li xtaqt naghmel ara jekk is-Sinjoriji Taghkom jaqblux jew jippermettux; is-sinjura Caruana Galizia fil-blog taghha kienet kitbet diversi drabi rapporti oggettivi iswed fuq l-abjad ta’ negozju bejn wiehed mit-tfal tas-Sur Zammit li kien ufficjal tal-Korp u persuni ohrajn fid-

dinja tal-kummerc fosthom ta’ Len Dancing. Issa nahseb huwa parti mir-remit ta’ dan il-Bord nissottometti bil-qima illi f’ pajjiz fejn ghandu jkun hemm certu standard l-ufficjal gholi tal-Korp ikun fin-negozju ma’ …. ma nahsibx illi tghin ghall-image tal-Korp…. Dan insaqsi, xtaqt insaqsi jekk dan kienx korrett, kienx minnu. Jien naf li kien minnu ghax hija l-verita` oggettiva; u t-tieni x’ passi ha l-Kummissarju de facto anke jekk huwa acting f’ dan l-istat ta’ fatt meta kellek gurnalista li harget..; ejja nghidu ma kienx jaf, imma sar jaf meta harget il-gurnalista dawn l-istejjer.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Again … mhux tieghu allura, tat-tfal tieghu.

***Imhallef A Lofaro :***
It-tifel tieghu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Iva; imma hu kien Kummissarju waqt li t-tifel tieghu qieghed fl-economic crimes; suppost qed jiddiskuti – qed jinvestiga l-money laundering.

***Xhud :***
Fil-fatt kellu zewgt itfal; it-tnejn kienu spetturi

***Dr Jason Azzopardi :***
Yes ghalhekk. Dejjem bil-permss taghkom kif tghiduli intom

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le d-diffikulta` tal-Bord hija r-relevanza ghal…biss; donnu qeghdin nohorgu daqsxejn ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Qeghdin .

***Dr Jason Azzopardi :***
Ha nghidlek ghaliex Sur President.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax mhux kull abuzz irid iwassal ghal …

***Dr Jason Azzopardi :***
Le; Sur President, jiena nissottometti illi domanda li tista' titfa' dawl dwar kemm l-istat ha bis-serjeta` jew ma hax bis-serjeta`. Il-glieda kontra l-hasil tal-flus iggib maghha ammont ta' kriminalita`. Il-hasil tal-flus u l-kriminalita` jimxu id f' id – lambrezzetta. Issa ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela ha naghmlu hekk.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ghalhekk jiena ; pero` kif tghidli inti.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…id-domanda

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Irrizerva d-domanda .

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax inkella li jigrilna hu.., taf ghaliex? Ghax inkella nispiccaw nispostjaw l-attenzjoni fuq affarijiet immaginarji u nitilfu l-focus fuq affarijiet li..; allura rregistra d-domanda, jekk ghandna bzonn inkellmuh fuq is-suggett ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Kif tghidli naghmel.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk l-ahjar hu. .

***Dr Jason Azzopardi :***
Grazzi Sur President.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghandek xi haga ohra?

***Dr Jason Azzopardi :***
No ..

***Imhallef A Lofaro :***
Sur Zammit, fi zmien illi kont Agent Kummissarju tal-Pulizija kellek rapporti gejjin minn ghand l-FIAU?

***Xhud :***
No qatt.

***Imhallef A Lofaro :***
Qatt.

***Xhud :***
Qatt ma waslu rapporti hemmhekk minn dak il-branch

***Imhallef A Lofaro :***
Meta ridt tinvestiga xi haga jew issir taf b' xi haga, jien naf?, xi hasil tal-flus, qatt kien hemm investigazzjonijiet?

***Xhud :***
Qatt ma kelli f' dak il-perijodu li kont hemmhekk..

***Imhallef A Lofaro :***
F' dawk il-hames xhur ma kien hemm xejn.

***Xhud :***
No. Qatt.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fuq l-istess vena; is-Security Services qatt gibdulek l-attenzjoni ta' xi theddida jew xi sitwazzjoni hi x' inhi fil-konfront tas-sinjura?

***Xhud :***
Ma hadtekx, hu pacenzja

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Is-Security Services, id-direttur tas-Security Services qatt gibidlek l-attenzjoni ta' xi information li seta' kellu ghal dak li jirrigwarda s-security tas-sinjura Caruana Galizia?

***Xhud :***
Qatt qatt u qatt. Qatt qatt qatt u qatt. Qatt.

***Imhallef A Lofaro :***
Il-briefings li kienu jsiru mis-Security Services kienu jigu ghandek u jaghtu briefings? U jekk iva kien ikun hemm xi hadd prezenti minn Kastilja jew mill-Ministeru?

***Xhud :***
Jekk kien hemm fuq xi affarijiet ohrajn kont nghaddihom lill-ufficjali li kienu nkarigati per ezempju mill-Criminal Investigation Department; dak biss hu. Il-bqija ..

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` huwa fatt maghruf illi jsiru l-briefings mis-Security Services lill-Kummissarju.

***Xhud :***
Gie li tkun informazzjoni imma biss li ha jsir xi haga hekk hekk u hekk, u nghaddiha.

***Imhallef A Lofaro :***
Meta kienet tinghadda lilek din l-informazzjoni kien ikun hemm xi hadd prezenti min l-OPM jew kont tinformhom?

***Xhud :***
No; qatt qatt u qatt. Wahdi.

***Imhallef A Lofaro :***
Lanqas kont tinformhom x' qed jigri?

***Xhud :***
No no.

***Imhallef A Lofaro :***
..dwar briefings mis-Security…

***Xhud :***
No.

***Imhallef A Lofaro :***
Xejn qatt.

***Xhud :***
No. Qatt qatt u qatt

***Imhallef A Lofaro :***
Ok grazzi.

***Dr Jason Azzopardi :***
Bil-permess tas-Sinjuriji Taghkom jistax ikun mistoqsi s-Sur Zammit wara li rrezenja minn kariga ta' Acting Commissioner f' Dicembru 2014 jekk inghatax kariga pubblika ohra mill-gvern u jekk ghadux izomm dik il-kariga pubblika sal-lum?

***Xhud :***
Li nista' nghidlek huwa jien qatt ma rrezenjajt mill-Korp.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ok. Meta spiccajt f' Dicembru 2014 ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Said the record.

***Xhud :***
Jiena qatt ma rrezenjajt. Jiena bhal ma ghedtilkom jiena kont Agent Kummissarju. Ovvjament giet id-direzzjoni biex jiena ma nibqax Agent Kummissarju u mmur lura fil-post li kelli ta' Deputat Kummissarju. Bhal ma ghedt jiena qatt ma tlabt biex nilhaq Kummissarju. Jiena ergajt mort lura fil-kariga ta' Deputat Kummissarju. Komplejt f' dik il-kariga mbaghad sa Mejju tas-sena ta' wara.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
'15

***Xhud :***
Imbaghad irrezenjajt biex nghid hekk tlabt jien stess biex f' Novembru nispicca anke mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Jiena dak iz-zmien li spiccajt mill-Korp kont kwazi ghamilt erbghin (40) sena shih fil-Korp, I am a ranker fil-Korp u hassejt li ta' 61 sena ghandi nispicca mir-rank – mill-Korp tal-Pulizija. Fil-fatt jiena tlabt biex nispicca on completion off service. Imma mhux irrezenjajt ghax kien hemm dik il-bicca tax-xoghol.

***Dr Jason Azzopardi :***
Mela wara l-completion of service tieghek ..

***Xhud :***
Sewwa. Sewwa

***Dr Jason Azzopardi :***
U grazzi tal-kjarifika tieghek. Imbaghad gejt mahtur ..

***Xhud :***
Tajjeb, imbaghad jiena f' dak iz-zmien ftit qabel li kont ser nispicca mill-Korp ovvjament bdejt infittex - ghedt ha nara x' ser naghmel; bhal ma' forsi jaghmel haddiehor, naf li kienet ser tilhaq.. il-gvern ser jaghmel agenzija. Naf li dak iz-zmien tkellimt ukoll mal-Ministru Owen Bonnici fejn urejt ix-xewqa li jekk ikun hemm post li nista' naghti s-servizz tieghi. Qalli ha nerga inkellmek. Kellimtu, qalli meta ha tispicca. Jekk mhux sejjer zball spiccajt f' xi mid May 2015 u hassejt li ghandi naghti l-kontribut fl-agenzija ta' l-enforcement illum fen ghadni hemmhekk sal-lum.

***Imhallef A Lofaro :***
Il-LESA hu?

***Xhud :***
Il-LESA – Local Enforcement System Agency

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-ahhar domanda, ghal li jista' jkun qatt tawk raguni ghaliex inti gejt spostjat minn Kummissarju ghal x' imkien iehor? Qatt kien hemm raguni?

***Xhud :***
Ovvjament sa meta..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Apparti .. tas-servizz ta jigifieri. Jigifieri …. mintix kapaci jew ghamilt xi zball jew inkella …?

***Xhud :***
No xejn affattu. Naf li kien hemm inkjesta ovvjament wara l-incident tad-driver tal-Ministru Mallia; saret l-inkjesta. Informawni li jiena ghandi mmur lura u hassejt li mmur lura.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri inti tatribwija ghal dak l-incident basically.

***Xhud :***
Ifhimni jiena Sur Imhallef.

***Imhallef J Said Pullicino :***
X' hassejt dak iz-zmien jghodd ..

***Xhud :***
..jiena nobdi l-ordni. Kemet hemm; leali dejjem kont lejn il-gurament. Li qaluli biex naghmel ghamilt. Kien hemm decizjonijiet li jiena forsi hassejt li ma kienux tajbin, pero` jien kelli nirrispetta bhal ma dejjem irrispettajt.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Thank you.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta’ **Raymond Zammit** dettata minnu stess fil-prezenza ta’ l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta’ l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur